# Birkirkara fiż-żminijiet l-imgħoddija

*Clifford Galea M.A Baroque Studies, Phd Candidate*

**1402**

Fis-sena 1402, Birkirkara kienet diġa' teżisti bħala parroċċa. Jingħad li din il-parroċċa kienet iddedikata lil Sant'Elena u Santa Marija. L-ewwel knisja parrokkjali kienet tinsab qrib fejn illum hemm il-fabbriki, ftit il-bogħod minn hawnhekk. Kien propju f'xi żmien fis-seklu XIV meta din il-parroċċa ittieħdet fil-knisja ta' Santa Marija, fl-inhawi ta' l-Istazzjon tal-Ferrovija ħdejn il-Bus Terminus tal-lum, minhabba li dak iż-żmien il-gżejjer Maltin kienu jiġu attakkati mill-pirati.

**1594**

Bejn l-1594 sa l-1644, iġifieri għal ħamsin sena sħaħ, l-akbar benefattur fl-istorja ta' din il-parroċċa u r-raħal ta' Birkirkara, Dun Filippu Borg, inħatar kappillan tal-parrocca tagħna. Dun Filippu, kif jixhdu d-dokumenti storiċi, kien bniedem ta' l-azzar, b'inizjattiva kbira. Biżżejjed wieħed jgħid li tul il-parrokat tiegħu inbiet il-knisja l-qadima, ġojjiel ta' l-arkitettura li tispikka b'mod qawwi fost il-ġawhar ta' knejjes li jżejnu 'l pajjiżna. U kien propju f'dan it-tempju ta' Santa Marija li Dun Filippu waqqaf l-ewwel Kolleġġjata fil-gżejjer Maltin taħt il-protezzjoni ta' Sant' Elena. Dik kienet is-sena 1630. Ħames snin wara, fl-10 ta' Mejju 1635, l-ewwel kanonċi ħadu l-pussess fiha f'dik li llum insejħulha l-Knisja l-Qadima.

**X'ġara maż-żmien f'Birkirkara ?**

Meta tħares lura tgħid; 'kos, kif għadda ż-żmien'. Qas temmen kif persuni jħallu din id-dinja, jigu oħrajn u ċertu affarijiet jibqgħu hawn. Li kieku jitkellmu l-gebel, l-istatwi u dak kollu li mhux ħaj, min jaf x'jirrakontaw. Imma għalhekk teżisti l-istorja u ta' min inkomplu nzommu dokumentazzjoni għall-ġenerazzjonijiet futuri nkella jitnilef kollox. Fil-fatt ħarsa lura: Fis-sena..

**1727**

Tnejn u disgħin sena wara, fl-1727, bdiet tinbeda knisja kbira barokka iddedikata lil Sant' Elena fiċ-ċentru tar-raħal, li kiber u kellu bżonnijiet pastorali ġodda. Il-parti l-kbira tal-bini tlesta fl-1745.

Il-Knisja Bażilka ta' Sant'Elena tbierket mill-Isqof Alpheran u fl-istess żmien bdiet tiffunzjona bħala l-knisja parrokkjali.

Il-Kwadru titulari li juri lil Sant' Elena meta sabet is-Salib Imqaddes, xogħol tal-pittur Malti Francesco Zahra, tqiegħed f'postu fl-1763. Il-knisja giet ikkonsagrata mill-Isqof Vinċenzo Labini f'Ottobru tas-sena1782.

1837

Lulju tas-sena 1837 kien żmien il-marda tal-kolera. Waslet fil-Kolleġġjata l-vara titulari, xogħol ta' Salvu Psaila u rigal tal-Kavallier Ċensu Borg Brared), wieħed mill-mexxejja ewlenin tal-Maltin fi żmien l-irvell kontra l-Franċiżi.

Din il-vara majestuża narawha għaddejja fit-toroq taghna darbtejn fis-sena: fil-Festa ta' Santu Kruċ, fejn niċċelebraw il-Festa tas-Salib Imqaddes nhar it-3 ta' Mejju, u fil-festi reliġjużi u esterni titulari f'ġieħ Santa Elena li jsiru fl-ewwel Ħadd fuq it-18 t'Awissu ta' kull sena.

Minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba l-aħwa.

ST. GEORGE'S STORE

Main Street, Balzan

NOW a Discount Store

...with all your daily needs and tastes...

.... daily fresh vegetables

... daily fresh eggs & dairy products

foodstuffs, wines and spirits, soft drinks, water bottles, toiletries, detergents, etc.

for FREE EVERY DAY DELIVERY

contact CHARLES ON TEL. 2144 2687